**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta'Jannar 2001

Citazzjoni numru 119/83 AJM

Kawza numru

Joseph Perici Calascione ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta Fogg Limited u din in rappresentanza tas-socjeta' estera Excess Insurance Company Limited u dawn kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghhom David Lang

Vs

Franco Pulo

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-4 ta'Ottubru 1983 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi fil-11 ta' Awissu 1981 ghal habta tal-11.30 a.m. filwaqt li l-assikurat tad-ditta attrici David Lang kien qieghed isuq karozza numru C7928 go Hal Lija, il-konvenut li kien qieghed isuq il-Land Rover numru D3458 bi traskuragini, negligenza u non osservanza

tar-regolamenti tat-traffiku, habat mal-karozza ta' David Lang u kkagunalu hsara fl-ammont ta' tlett mija wiehed u ghoxrin lira u sebgha u sebghin centezimu (LM321.77) u seba' liri tas-survey report; illi ghal hsarat sofferti mill-assikurat taghha kellha taghmel tajjeb id-ditta attrici abbazi tal-polza Comprehensive u tal-ligi; illi ghalkemm interpellat sabiex ihallas anke permezz ta' ittra ufficjali, l-konvenut baqa' inadempjenti; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-habta hawn fuq imsemmija u cioe dik li grat fil-11 ta' Awissu 1981;
2. tikkundannah ihallas lill-attur nomine s-somma ta' LM328.77 danni rizultanti f'din il-habta u din somma li l-attur nomine hallas lill-assigurat tieghu kif fuq premess.

Bl-ispejjes u interssi legali komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Ottubru 1982 kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghassubizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur li kopja taghhom tinsab fil-process rikostruwit anness man-nota ta' l-attur tat-3 ta' April 2000.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Frar 1984 li permezz tieghu gie mahtur bhala espert legal l-Avukat Dottor Joseph R. Micallef sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjzzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Ottubru 1998 meta l-inkarigu tal-perit legali gie revokat u dana wara diversi differimenti sabiex dan jespleta l-

inkarigu tieghu u gie ordnat sabiex jirritorna l-process fir-registru u billi dan ma giex ritornat l-Qorti b'digriet tal-5 ta' Novembru 1999 ordnat lill-partijiet jirrikostruixxu l-process.

Rat in-nota ta' l–eccezzjonijiet tal-konvenut li kopja taghha giet ezebita mill-attur wara ordni ta' din il-Qorti sabiex jerga jigi rikostruwit il-process fejn dan eccepixxa:-

1. Illi mhu xejn minnu li l-incident stradali li gara fil-11 ta' Awissu 1981 f'Hal Lija bejn il-vettura numru C-7928 misjuqa minn David Lang u l-Land Rover Numru D-3458 misjuqa mill-konvenut gara ghaliex il-konvenut kien qieghed isuq bi traskuragini, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.
2. Illi l-incident stradali imsemmi gara unikament minhabba l-imperizja, traskuragini, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku minn naha ta' David Lang.
3. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda u l-konvenut qed jipprotesta ruhhu kontra l-ispejjes tal-presenti procedura li ghalihom qed izomm lis-socjeta' attrici responsabbli.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti li kellhom jigu rikostruwiti billi l-process ma instabx.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2000 meta l-kawza giet imhollija ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Dan l-process huwa pjuttost konfuz billi dam ghand l-Perit Legali ghal cirka hmistax il-sena u dan ma kkonkluda xejn u lanqas irritorna l-process. Inoltre jidher li l-provi migbura ma jikkomprendux ix-xhieda tal-konvenut jew provi tieghu izda dwar dan il-Qorti taghmel referenza ghad-diversi differimenti inutili sabiex dan jressaq il-provi tieghu.Lanqas ma tirrizulta x-xhieda tal-ufficjalli investiga l-kaz ghalkemm fil-process rikostruwit jidher li hemm kopja ta' l-okkorrenza u l-iskizz tal-incident li gie imhejji mis-Surgent Pirotta. B'dana kollu stante li l-kawza ilha zmien twil presentata u trid tigi determinata din il-Qorti sejra tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi rizultanti.

Ikkunsidrat:-

Ir-rapport tal-incident in kwistjoni jiddeskrivi dan l-incident semplicement hekk: "L/R no D-3458 which was being driven along Balzan Valley was hit by Van no C-7828 which emerged into Balzan Valley from Naxxar Road."

Li skizz tal-incident juri l-vetturi involuti kif waqfu wara l-habta u cioe dik numru C-7828 misjuqa mill-assikurat tas-socjeta' attrici imdawrha fuq ix-xellug taghha bil-parti ta' qudiem taghha imdahla gewwa Balzan Valley wara li skorriet ic-centre strip li jaqsam Naxxar Road, minn fejn kienet gejja, u l-istess Balzan Valley. Filwaqt li l-vettura tal-konvenut tidher wieqfa gewwa Balzan Valley, fejn kienet qed tinsaq, imdawra presumibilment bid-daqqa, bil-parti ta' wara lejn il-hajt.

L-unika xhud dwar l-incident kien l-assikurat tas-socjeta' attrici li qalli huwa dak iz-zmien kien joqghod gewwa Transfiguration Square, Lija. Qabel l-impatt huwa kien qed jsuq gewwa Naxxar Road mid-direzzjoni ta' Birkirkara lejn il-Mosta u ried jdur fuq ix-xellug sabiex minn Naxxar Road jidhol gewwa Transfiguration Avenue. Huwa hares il-quddiem biex jara jekk kienx hemm traffiku gej mill-faccata u ma ra xejn, ghalhekk naqqas li speed u hareg l-indicator. Hu osserva li fuq ic-centre strip fuq ix-xellug tieghu kien hemm sigar ta' l-Oleandri gholjin li jwaslu sat-tarf tal-istess centre strip. Hu beda jaqsam lejn Transfiguration Avenue u fdaqqa wahda jara karozza qed taqsamlu triqtu. Applika l-brakes izda ghal ta' xejn u waqaf bl-impatt.

Ikkunsidrat:-

Mill-fatti fuq esposti jidher car immedjatament li l-incident gara principalment minhabba bdil ta' direzzjoni tal-assikurat tas-socjeta' attrici minghajr tehid tal-prekawzjonijiet necessarji. Infatti David Lang ried jidhol gewwa triq fuq ix-xellug tieghu izda biex jaghmel hekk kellu ta' bilfors jaqsam triq ohra maghrufa bhala Balzan Valley wara li jghaddi minn l-ispazju li kien hemm fic-centre strip. Ex admissis dan Lang ma setghax jara sewwa x'kien gej minhabba l-Oleandri izda xorta baqa' jaqsam minkejja li kellu vizwali ostakolata. Din il-manuvra mhux biss kienet traskurata izda ukoll imprudenti billi bil-mod kif qasam l-istess Lang invada t-triq ta' traffiku iehor b'mod li l-konvenut ma kellux fejn jikser biex jevita l-impatt. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax kif tista' ssib lill-konvenut hati ta' xi nuqqas.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra tieghu.

Onor Imhallef Albert J. Magri